MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2010

Numru. 1256/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR FRANS MICALLEF**

**KONTRA**

**STEFAN DESIRA ta' 27 sena, iben Mary Desira, imwieled Tal-Pieta' nhar it-3 ta' Gunju, 1982, residenti fil-fond Block 2, Flat 2, Triq Birzebbuga, Tarxien, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 321 082M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi STEFAN DESIRA li gie akkuzat talli:

1. F'Rahal Gdid nhar id-19 ta' Ottubru, 2005, ghall-habta tal-4.00pm, ikkometta serq ta' hi-fi equipment minn go vettura numru KBH 437 tal-marka BMW ghad-

detriment ta' sidha, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur ta' aktar minn Lm100.00 izda inqas minn Lm1,000.00 u bix-xorta tal-haga misruqa, bi ksur ta' l-Artikoli 263, 267, u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija ta' iktar minn Lm50.0 izda inqas minn Lm1,000.00 bi ksur ta' l-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji;

Rat illi in vista' ta' l-ammissjoni gie ordnat Pre-Sentencing Report, allura ezebit bhala Dok MM;

Semghet ukoll ix-xhieda ta' Mary Rose Farrugia, l-Ufficjal tal-Probation Services, senjalament li Stefan Desira kien ghamel progress pozittiv fil-problema li ghadnu bl-abbuz ta' droga.

Illi ghalhekk din il-Qorti, wara li rat l-ammissjoni tieghu, rat l-Artikoli 263, 267, 271, u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ssibu hati ta' l-istess;
Dwar il-piena rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, konsiderando dak kollu premess, qieghda tqieghu taht Ordni ta' Probation, wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal sentejn (2) mill-lum, b'dan illi ghal fini ta' din l-Ordni Stefan Desira huwa ordnat li jsegwi kull ordni lilu moghtija b'mod partikolari fil-konfront tal-problema tieghu ta' l-abbuz tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------